MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Numru 17/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Joseph Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 17 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Joseph Mifsud, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'xi zmien matul is-sena elfejn u erbgha (2004) il-Pulizija rceviet informazzjoni li l- akkuzat Joseph Mifsud kien qieghed jittraffika d-droga. Fl-20 ta' Novembru ta' dik is-sena, l-Pulizija nnutaw lil Mifsud jieqaf bil-karozza tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DAV 109 fi Triq il-Kannizzata, f'Hal- Balzan, jipparkja din il-vettura wara karozza ohra bin-numru ta' registrazzjoni AMI 111, proprjeta' tieghu ukoll, johrog basket skur minn gewwa l-"luggage booth" tal-karozza li kien ghadu kif ipparkja, jiftah il- "luggage booth" tal-karozza l-ohra, w cioe' l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AMI 111

u jitfa' l-baskett gewwa. Dak il-hin il-Pulizija intercettat lill-akkuzat u fil-fatt sabu l-baskett li kien gie miftuh mill-akkuzat gewwa l-"luggage booth". Dan il-baskett kien jikkontjeni sustanza li l-Pulizija ssuspettaw li setghet kienet raza mehuda mill- pjanta cannabis. Fil-fatt minn analizijiet u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici, gie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament id-droga msemmija f'ammont ta' izjed minn tmien (8) kilos, liema sustanza ghandha l-valur ta' xi wiehed u ghoxrin elf lira Maltija (LM21,000). L-akkuzat ma kienx dipendenti mid-droga b'dan li r-raza misjuba mill-Pulizija ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Joseph Mifsud sar hati talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Mifsud" tal-11 ta' Mejju, 2004, l- akkuzat Joseph Mifsud instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Joseph Mifsud, recidiv f’delitt, talli kellu fil-pussess tieghu r- raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita’ moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b’dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru w multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292 ta’ l-1939) u fl-artikoli 23, 49, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il- ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f’xi zmien matul is-sena elfejn u erbgha (2004) il-Pulizija

rceviet informazzjoni li l- akkuzat Joseph Mifsud kien qieghed jittraffika d-droga. Fl-20 ta' Novembru ta' dik is-sena l-Pulizija ntercettat lill-akkuzat kif spjegat fl-ewwel kap u sabu l-baskett li kien jikkontjeni r-raza mehuda mill-pjanta cannabis. F'dik l-istess gurnata l-Pulizija komplew bl-investigazzjonijiet taghhom fir-residenza ta' l-akkuzat fejn instab mizien elettroniku. Dan il-mizien gie ezaminat minn esperti forensici li kkonstataw li kien fih tracci tad-droga herojina.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Mifsud sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Mifsud" tal-11 ta' Mejju, 2004, l- akkuzat Joseph Mifsud instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Joseph Mifsud, recidiv f'delitt, talli kellu fil-pussess tieghu d- droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet

tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id- droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xahar u mhux izjed minn tnax-il sena w multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (LM10,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w r-Regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292 ta' l-1939) u fl- artikoli 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat tat-22 ta' Marzu, 2007 li fiha hu ntavola hames eccezzjonijiet.

Rat il-verbali tal-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2007, li bihom fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li jekk tigi rtirata t-tieni eccezzjoni, l-Imhallef Togat ikun irid jattira l-attenzjoni tal-gurati li l-frazi ***"Il-Pulizija rceviet informazzjoni"*** fl-ewwel linja tal-ewwel u tat-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza m' ghandha ebda effett probatorju fil-kawza. Il-partijiet qablu ukoll li mill-ahhar paragrafu tat-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza ghandhom jithassru l-kliem ***"u***

***l-konfiska……misjuba hatja".*** Il-partijiet qablu wkoll li dwar il-hames eccezzjoni, li fil-guri l-Qorti ghandha tidderigi lill-gurati skond kif kien gie deciz minnha fis-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Alex Mallia" , kif konfermata fil-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 t' Ottubru, 2007. In vista ta' dan il-qbil, Dr. Giglio ghall-akkuzat irtira t-tieni, r-raba w l-hames eccezzjoni preliminari.

Inoltre, wara li Dr. Bugeja, ghall-prosekuzzjoni, talab korrezzjoni fl-ewwel kap tal-att ta' l-akkuza billi fit-tieni paragrafu tal-ewwel kap u fir-raba paragrafu tal-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza jithassru l-kliem : "***b'dan ukoll li r-reat sar….jiltaqghu z-zaghzagh"*** fiz-zewg paragrafi w wara li l-Qorti laqghet it-talba w ordnat il-korrezzjoni, Dr. Giglio ghall-akkuzat, in vista ta' din il-korrezzjoni, rtira ukoll l-ewwel eccezzjoni tieghu w l-akkuzat ta ruhu notifikat bl-att ta' l-akkuza kif korrett bid-digrieti ta' dik l-udjenza.

Rat in-nota ta' cessjoni tal-akkuzat pprezentata fl-istess udjenza li biha, in vista ta' dak verbalizzat fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2007, ceda w irtira , l-ewwel, it-tieni, r-raba' w l-hames eccezzjoni;

Semghet it-trattazzjoni dwar it-tielet eccezzjoni preliminari;

Ikkonsidrat;

Illi din l-eccezzjoni tikkonsisti filli t-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza huwa null stante li l-imputazzjoni li fuqha hija msejjsa ma gietx inizjata bil-kunsens rikjest mill-Avukat Generali fit-termini tal-Kap.101.

Illi l-abbli difensur issottometta li l-akkuza originali kienet dwar id-droga cannabis izda wara zdiedet akkuza dwar eroina w fuq dan ma kienx hemm il-kunsens tal-Avukat Generali.

Dr. Bugeja, ghall-prosekuzzjoni, ssotometta li l-Kap.101 jehtieg li biex tittiehed azzjoni hemm bzonn il-kunsens tal-Avukat Generali. Il-ligi ma tghidx kif u meta irid jinghata dal-kunsens. Hemm prassi li johrog *print out* bhal dak li

hemm a fol. 10 izda l-mod kif inhi miktuba din il-formola johrog mill-prassi w mhux mill-ligi. F' dal-kaz, wara li kien inghata l-kunsens originali, kien hemm zvilupp u instabet ukoll l-eroina. Allura b' daqshekk dan ifisser li l-Avukat Generali kellu bil-fors johrog kunsens iehor staqsa l-abbli prosekutur? U, jekk stess kien hekk, ma jigix li bl-att ta' l-akkuza l-Avukat Generali kien qed jaghti kunsens lilu nnifsu allura?

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni kap tal-att ta' l-akkuza jirrigwarda l-imputazzjoni ta' pussess 'semplici' tad-droga eroina. Illi meta l-akkuzat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-22 ta' Novembru, 2004, huwa kien gie akkuzat biss b' assocjazzjoni ghat-traffkar ta' "medicina" w b' pussess "aggravat" ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu w li hu kkommetta dar-reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru [recte: 'perimetru'] ta' club jew centru taz-zaghzagh, kif ukoll ta' recidiva. Imkien ma ssemmiet id-droga eroina. A fol. 10 umbaghad hemm l-ordni moghti minn Dr. Silvio Camilleri, Avukat Generali, w minnu ffirmat li jghid li bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) kien qed jordna li Joseph Mifsud jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvediment tal-istess Ordinanza. Dan l-ordni kien gie esebit mill-Prosekuzzjoni flimkien mall-akkuza, l-istqarrija tal-akkuzat, l-att tat-twelid tieghu w l-fedina penali mar-registrazzjoni tal-akkuza fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati.

Kif gie verbalizzat fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2004, (a fol. 14 tal-atti tal-kumpilazzjoni) Dottor Joseph Giglio talab lill-Qorti Istruttorja sabiex tinnomina espert sabiex jezamina w jirrelata dwar jekk il-mizien esebit jikkontjenix tracci ta' droga w l-Qorti laqghet it-talba w nnominat lil Godwin Sammut. L-ewwel relazzjoni ta' dan l-espert tirrigwarda biss ir-raza tal-cannabis u ma fiha ebda riferenza ghall-ezami tal-mizien u xi droga ohra (ara Dok. GS a fols. 110 sa 156 tal-process). Pero' fit-18 t' April,

2005, l-Avukat Generali "inter alia" talab fir-rinviju tieghu li tisma' lil Godwin Sammut li kellu jespleta l-inkariku lilu moghti fl-istruttorja a fol. 14.

Saru diversi rinviji ohra fejn l-Avukat Generali rega' tenna l-istess talba sakemm finalment fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2005, l-espert Godwin Sammut xehed u esebixxa r-relazzjoni tieghu (Dok. GS) a fols. 725 et seq. tal-atti tal-kumpilazzjoni. L-espert xehed ukoll li kien ha *swab* mill-mizien esebit u analizzah ghall-ezistenza ta' droga w hemmhekk rrizultatlu s-sustanza eroina f' ammont ta' tracci.

B' dana kollu ma jirrizultax li tul il-kumpilazzjoni saret xi korrezzjoni fl-akkuzi kif dedotti w kif jidhru a fols. 1 u 2 tal-process.

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm l-eccezzjoni de quo tirriferi ghall-"**kunsens**" rikjest mill-Avukat Generali w fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti z-zewg Avukati rreferew ghalih bhala tali, proprjament hawn si tratta ta' l**-"Ordni"** li jaghmel l-Avukat Generali meta jiddeciedi jekk akkuzat ghandux jigi processat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew mill-Qorti Krminali, skond l-artikolu 22 (2) li fl-ewwel paragrafu tieghu jiddisponi li :-

*"Kull persuna akkuzata b' reat kontra din l-Ordinanza ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) , skond kif* ***jordna*** *l-Avukat Generali …".*

Ghalhekk proprjament hawn non si tratta ta' xi kunsens *'sine qua non'* biex jimbdew il-proceduri, bhal kif kien il-kaz,  per ezempju, taht il-ligi tal-Exchange Control, jew ligijiet specjali ohra, imma ghazla tal-Avukat Generali dwar f' liema Qorti ghandu jigi deciz il-procediment kontra l-akkuzat. F' dal-kaz din l-ghazla saret bl-ordni a fol. 10 tal-atti tal-kumpilazzjoni w hija maghmula b' mod generiku

w tirriferi ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza, cioe' tal-Kap.101.

Il-kwistjoni ghalhekk f' dan il-kaz tirriferi biss dwar jekk fil-kors tal-kumpilazzjoni jirrizultaw provi godda w tizdied xi akkuza jew jizdiedu l-akkuzi, dejjem pero' ta' reati li jaqghu taht l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) hemmx bzonn li terga' tinghata ordni gdida b' riferenza ghal dawk l-akkuzi hekk mizjuda w jekk hux mehtieg li din l-ordni tigi komunikata lill-Qorti Istruttorja mill-gdid.

Din il-Qorti hija tal-fehma li dan mhux mehtieg sakemm l-akkuza jew akkuzi mizjuda jkunu jaqghu taht l-imsemmija Ordinanza w mhux taht xi ligi ohra.

Ghalhekk il-prosekuzzjoni f' dan il-kaz kellha kull dritt li zzid akkuza ohra jekk mill-provi migbura fil-kumpilazzjoni kien jidhrilha li setgha jirrizulta li kien hemm l-elementi ta' xi reat iehor li jaqa' taht l-imsemmija Ordinanza.

Pero' ghal xi raguni dan qatt ma sar fl-istadju tal-kumpilazzjoni, fejn kellha suppost tintalab korrezzjoni tal-akkuza li kienet originarjament giet konfermata bil-gurament mill-ufficjal tal-Pulizija li kien qed jipprosegwixxi l-kaz. Kieku ntalbet u saret tali korrezzjoni, suppost li kellu jsir l-ezami mill-gdid tal-akkuzat u, okkorrendo, jergghu jibdew jingabru mill-gdid il-provi kollha li kienu nstemghu, sakemm l-akkuzat ma jaghtix il-kunsens tieghu biex dan ma jkollux ghalfejn isir.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, n-nullita' ta' dan il-kap tal-att tal-akkuza ma tohrogx minn xi difett jew nuqqas fl-ordni tal-Avukat Generali taht l-art. 22(2) tal-Kap.101, kif eccepixxa l-akkuzat f' din l-eccezzjoni in esami. Ghalkemm tista' talvolta tkun ipotizzabli xi nullita' minhabba l-fatt li fl-att tal-akkuza zdiedet akkuza li qatt ma giet dedotta kontra l-akkuzat fl-istadju tal-istruttorja w li ma kienetx tirrizulta mir-rapport guramentat meta saret il-prezentata tal-akkuzat u li qatt ma giet emendata wara, l-eccezzjoni odjerna ma gietx intavolata f' dan is-sens u hija limitata biss ghal nuqqas tal-"*kunsens"* tal-Avukat Generali.

Issa kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti w mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), l-portata ta' ecezzjoni preliminari ma tistax tigi estiza jew mibdula f' eccezzjoni ohra differenti. Fis-sentenza taghha dwar eccezzjonijiet preliminari, fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Attard"** (Att ta' l-Akkuza 21/2003) [14.9.2004], li ma gietx mibdula jew varjata f' din il-parti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru, 2005, din il-Qorti ccitat b' approvazzjoni siltiet mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Imhallef (illum Prim' Imhallef) Dr. V. De Gaetano, tat-28 ta' Lulju, 1999, konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 t' April, 2001, fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Pollacco"**, fejn si trattava ukoll ta' interpretazzjoni jew estensjoni tal-portata ta' eccezzjoni preliminari.

Dik il-Qorti, meta ma ppermettietx li tigi estiza eccezzjoni bl-espedjent ta' nota li kienet tmur oltre l-eccezzjoni kif formulata originarjament, kienet qalet hekk:-

*"L-artikolu 438 (2) (i) tal-Kodici Kriminali, moqri flimkien ma' l-artikolu 449 (1) jistabilixxi terminu perentorju li fih ghandhom jinghataw l-eccezzjonijiet preliminari w eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi mill-akkuzat… Spiss qed jigri, pero', li wara li jkunu inghataw dawn l-eccezzjonijiet, l-akkuzat jipprova – fit-trattazzjoni orali jew permezz ta' nota, jew addirittura fl-istadju tal-appell – jwessa' l-istess eccezzjonijiet jew jisposta l-bazi taghhom, b' mod li l-eccezzjoni tigi tkopri ferm aktar minn dak li jkun gie originarjament eccepit fin-nota prezentata entro t-terminu ta' hmistax il-jum tax-xoghol kif provvdut fl-imsemmi Artikolu 438 (2) tal-Kodici Kriminali. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux permissibbli peress li jkun jammonta ghal evazzjoni tat-terminu perentorju msemmi, b' mod li jkunu effettivament qed jigu sollevati eccezzjonijiet* <u>*wara*</u> *li jkun skada t-terminu. Dan qed jinghid ghax proprju fil-kaz odjern, l-akkuzat referibbilment ghall-eccezzjoni dwar l-ammisibilita' tal-provi, l-ewwel issoleva eccezzjoni li kienet kjarament limitata fil-portata taghha w wara, permezz ta' nota…sposta kompletament*

*il-bazi ta' dik l-eccezzjoni b' mod li gie qed jissolleva eccezzjoni gdida."*

F' dan il-kaz l-akkuzat ma ipprovax ibiddel jew jestendi l-portata tat-tielet eccezzjoni preliminari tieghu w hija din il-Qorti li qed tirravisa li kienet ipotizabbli tali eccezzjoni w mhux dik sollevata. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti pero' *li marte propria* tissolleva *'ex officio'* eccezzjonijiet ta' nullita' tal-att ta' l-akkuza li ma jkunux gew sollevati mill-akkuzat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' w tiddeciedi li tichad it-tielet eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha minnu sollevati stante li dawn gew minnu ceduti w irtirati.

Il-kawza tibqa' differita *sine die* biex titkompla minn din il-Qorti bil-gurati wara li jigi deciz kull appell eventwali w sadanittant l-akkuzat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet ghal dak li jirrigwarda l-liberta' provizorja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------